MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru. 304/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Martin Camilleri

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Martin Camilleri ta' 53 sena, bin Louis u Therese nee' Holyer, imwieled Valletta fl-20 ta' Marzu, 1954,u residenti f'Entrance 42, Falt 2, Bini tal-Gvern, Triq il-Kunicizzjoni, Imsida, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 246379(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' April, 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula

b'rizozluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) ghad-dannu ta' l-Avukat Dr Victor Ragonesi LL.D. u Lawrence Sammut, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 17873(G).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' April, 2007 (a folio 12) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2007, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat il-Qorti tiddikkjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u jidrilha li m'huwiex opportun fic-cirkostanzi li tigi mposta piena karcerarja effettiva.
Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b) u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligiijiet ta' Malta il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ta' hmistax il-xahar sospiza ghal tlett (3) millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hati sabiex sa zmien sitt xhur millum ihallas lil Dr. Victor Ragonesi is-somma ta' LM 718.50 (seba' mija u tmintax-il lira Maltin u hamsin centezmu) u lil Lawrence Sammut is-somma ta' LM 348.64 (tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u erba' u sittin centezmu).

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos milli jaghmel dan il-hlas fiz-zmien preskritt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------